MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 1424/2001/1

**V. Xuereb Aluminium Works u b'digriet tas-6 ta' Marzu, 2002 giet ordnata korrezzjoni fl-avviz tat-talba fis-sens illi fejn hemm indikat isem l-attur u precizament qabel il-kliem 'V. Xuereb Aluminium Works' jizdiedu l-kliem 'Valentino Xuereb ezercenti l-kummerc bhala'**

**vs**

**Randolph u Natasha Xuereb**

**Il-Qorti:**

Preliminari:

Dan huwa appell interpost mill-attur minn sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-24 ta' Settembru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet premessi fejn l-imsemmi Tribunal laqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti u iddikjara l-azzjoni attrici ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u zewg liri Maltin u hamsa u sebghin centezimu (LM702.75) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xogholijiet ta' 'aluminium' maghmula mill-istess

attur fuq inkarigu tal-konvenuti bhala preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16, bl-ispejjez kontra l-attur, u dana wara li l-istess Tribunal ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
"*Illi l-konvenuti qeghdin jeccepixxu l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Jidher li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik stabbilita taht l-Artikolu 2148(a) u cioe` l-preskrizzjoni ta' tmintax (18)-il xahar.*

*Illi mid-dokumenti ezebit(i) a fol. 17 u 49 tal-process, u mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta li x-xoghol in kwistjoni sar bejn Marzu u Mejju ta' l-1999. L-istima esibita a fol. 17 inharget f'Marzu 1999 u mid-dokument esibit a fol. 49 jidher li l-fattura relattiva ghax-xogholijiet inharget f'Mejju 1999. Il-kawza odjerna giet intavolata fid-9 ta' Novembru, 2001. Jirrizulta ghalhekk li ghaddew aktar minn tmintax-il xahar mid-data meta saru x-xogholijiet sad-data meta giet intavolata l-kawza odjerna. L-attur ma ressaq ebda prova li l-perijodu ta' preskrizzjoni gie interrott u meta l-konvenut ittella' jixhed in subizzjoni u inghata l-'guramento decisorio', huwa kkonferma li l-ammont mitlub m'huwiex dovut minnu.*"

**L-appell ta' l-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikorsipprezentat fl-10 ta' Ottubru, 2002 interpona appell minnha u talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata tal-24 ta' Settembru, 2002 u tiddecidi minflok billi tilqa' t-talba tal-attur appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

Il-konvenut Randolph Xuereb ippresenta risposta fejn, filwaqt li rrileva li s-sentenza kienet gusta, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din tigi konfermata.

**L-aggravji tal-appellant:**
Minn qari tar-rikors ta' appell jidher li l-appellant ressaq zewg aggravji kontra s-sentenza appellata u cioe` li:-

a) Fl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta l-ewwel Qorti naqset li tikkunsidra l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 2151(2) ta’ l-istess Kap 16.
b) L-ewwel Qorti bi ksur tal-principji ta’ l-ekwita` u imparzjalita` naqset li tizen ix-xhieda taz-zewg partijiet kif jitlob l-Artikolu 8 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kunsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti:-

**Dwar l-applikazzjoni ta’ l-Art. 2151(2).**
Il-Qorti ta’ l-Ewwel Grad cahdet it-talba attrici billi rriteniet li l-azzjoni kienet preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2148(a) li jiddisponi li “*l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi ecc. jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar.*” Mir-rikors ta’ l-appell ma jidhirx li l-appellant qed jikkontesta li din hija l-preskrizzjoni applikabbli ghall-kaz sotto ezami, biss qed jigi sottomess li jirrikorru c-cirkostanzi imsemmija fis-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 2151 bir-rizultat li l-azzjoni “*ma taqax bi preskrizzjoni hlief bl-eghluq ta’ hames snin li jibdew mid-data ta’ dak il-kont jew ta’ dik id-dikjarazzjoni.*” Qed jigi sottomess mill-appellant fir-rigward, li l-pagament akkont maghmul mill-appellati jammonta ghall-accettazzjoni tal-kont tal-attur, cirkostanza dina, li, skond l-appellant, ghandha l-effett li ttawwal l-perjodu preskrittiv minn dak ta’ tmientax-il xahar ghall-hames snin bir-rizultat li ghalhekk l-azzjoni kienet ghadha vigenti meta gew istitwiti dawn il-proceduri.

Din is-sottomissjoni izda mhux korretta ghas-segwenti ragunijiet:-
1) Il-pagament li sar mill-konvenuti, kif sewwa gie rilevat fir-risposta tal-konvenuti, mhux ammissjoni tad-debitu izda konferma tal-ordni u bhala tali qatt ma tista` twassal ghall-effetti kontemplati fl-imsemmi Artikolu.
2) Fit-tieni lok is-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 2151 irid jinqara ma dak li hemm kontenut fis-subinciz numru (1). Infatti l-provvedimenti tas-subinciz (2) japplikaw biss meta jirrizulta li jkun hemm kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub, meta fin-negozjati ta’ bejn min jipprovdi l-materjal, xoghol jew servizzi u minn jkun ordna l-istess affarijiet, ikun hemm kontinwazzjoni ta’ fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogholijiet,

servizzi jew qadi iehor. Fil-kaz in ezami din il-"*kontinwazzjoni*" ma tirrizultax. Lanqas ma jista' jinghad li l-bieb il-gdid li sar sussegwentement jissodisfa dan il-vot billi dan kien in sostituzzjoni ta' xoghol li ma giex accettat.
3) Fl-ahharnett ma jirrizultax in atti li l-konvenuti accettaw il-kont lilhom pprezentat.

**Dwar il-pregudizzju soffert.**

Qed jigi sottomess li l-Ewwel Qorti kkunsidrat biss ix-xhieda moghtija mill-konvenuti u skartat ghall-kollox dik tal-attur. Dan l-aggravju wkoll ma jidhirx gustifikat. Jirrizulta li l-attur, rinfaccjat bl-eccezzjoni ta' preskrizzjoni brevi ipprevalixxa ruhu mid-dritt moghti lilu skond l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 billi ddeferixxa l-gurament lill-konvenut. Jirrizulta li l-konvenut, prodott in subizzjoni mill-attur stqarr kategorikament li "*L-ammont indikat fl-avviz u cioe` ta' LM720.75) seba' mija u zewg liri Maltija u hamsa u sebghin centezimu, mhuwiex dovut la minni u lanqas minn marti.*" La darba l-attur ghazel din it-triq kull prova ohra biex jirribatti l-preskrizzjoni eccepita ma baghatx mifutha ghalih. L-attur ghalhekk issa la jista' jaghmel referenza ghal dak li qalet mart il-konvenut u lanqas ma jagevolah id-diskors li kien sar qabel bejnu u l-istess konvenut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------